

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2012 — Il-Portugall vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-111/10) <sup>(1)</sup>

**(“FEŻR — Tnaqqis ta’ għajnuna finanzjarja — Programm Operattiv intiż għall-immodernizzar tal-qafas ekonomiku fil-Portugall — Nuqqas ta’ għanijiet vinkolanti preċiżi u verifikabbli — Aspettattivi leġittimi”)**

(2012/C 138/28)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, aġent, assistit minn N. Mimoso Ruiz, P. Moura Pinheiro u J. Silva Martins, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. Steiblytè u G. Braga da Cruz, sussegwentement A. Steiblytè u P. Guerra e Andrade, aġenti)

**Suġġett**

Talba intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2009) 10624, tal-21 ta' Diċembru 2009, dwar it-tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mogħtija lill-Portugall taħt il-Programm Operattiv “Immodernizzar tal-Qafas Ekonomiku”, CCI: 1994 PT 16 1 PO 004 (ex FEŻR ref. 94.12.09.004), bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (94)464/3, tal-4 ta' Marzu 1994, li tapprova għajnuna tal-FEŻR.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 113, 01.05.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Marzu 2012 — Egan u Hackett vs Il-Parlament**

(Kawża T-190/10) <sup>(1)</sup>

**(“Access għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Reġistru tal-assistenti ta' ex membri tal-Parlament Ewropew — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu — Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tat-trattament ta' data ta' natura persunali — Regolament (KE) Nru 45/2001”)**

(2012/C 138/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Kathleen Egan (Athboy, l-Irlanda) u Margaret Hackett (Borris-in-Ossory, l-Irlanda) (rappreżentanti: K. Neary, solicitor, C. MacEochaidh, SC u J. Goode, barrister)

**Konvenut:** Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Lorenz, N. Görlitz u D. Moore, aġenti)

**Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:** Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), (rappreżentanti: inizjalment H. Kranenborg u H. Hijmans, sussegwentement M. Kranenborg u I. Chatelier, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tat-12 ta' Frar 2010, sa fejn din tirrifjuta li taġhti lir-rikorrenti l-aċċess mitlub għar-reġistri pubbliċi tal-assistenti ta' ex membri tal-Parlament Ewropew.

**Dispożittiv**

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2010 hija annullata sa fejn tirrifjuta milli taġhti lil Kathleen Egan u Margaret Hackett l-aċċess mitlub għar-reġistri pubbliċi tal-assistenti ta' ex membri tal-Parlament Ewropew.*
- (2) *Il-Parlament huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti minn K. Egan u M. Hackett kif ukoll jirrimborsa s-somom imħallsa bil-quddiem mill-kaxxier tal-Qorti Ġenerali bħala għajnuna legali lil K. Egan.*
- (3) *Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 19.06.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2012 — You-Q vs UASI — Apple Corps (BEATLE)**

(Kawża T-369/10) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva BEATLE — Trade marks nazzjonali u Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti BEATLES u THE BEATLES — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Reputazzjoni — Vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti”)**

(2012/C 138/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** You-Q BV, li kienet Handicare Holding BV (Helmond, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: G. van Roeyen)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Apple Corps Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Terry, solicitor, u F. Clark, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-31 ta' Mejju 2010 (Każ R 1276/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Apple Corps Ltd u Movin-gpeople.net International BV.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) You-Q BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 301, 06.11.2010

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2012 — Omya vs UASI — Alpha Calcit (CALCIMATT)

(Kawża T-547/10) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CALCIMATT — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti CALCILAN — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Rifjut ta' reġistrazzjoni”)

(2012/C 138/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Omya AG (Oftringen, l-Isvizzera) (rappreżentanti: F. Kuschmirek u V. Dalichau, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment D. Botis, sussegwentement R. Manea, u fl-aħħar G. Schneider, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Alpha Calcit Füllstoffgesellschaft mbH (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Hauck, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Settembru 2010 (Każ R 1370/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Alpha Calcit Füllstoffgesellschaft mbH u Omya AG.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Omya AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 30, 29.01.2011

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2012 — Kaltenbach & Voigt vs UASI (3D eXam)

(Kawża T-242/11) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali — Talba għal estensjoni territorjali tal-protezzjoni — Trade mark figurattiva 3D eXam — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv u nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 138/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Kaltenbach & Voigt GmbH (Biberach an der Riß, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Graf, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-1 ta' Marzu 2011 (Każ R 2361/2010-2) dwar estensjoni territorjali għall-Unjoni Ewropea, tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark figurattiva 3D eXam.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Kaltenbach & Voigt GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 211, 16.07.2011.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2012 — Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-453/10) (<sup>1</sup>)

(“Rikors għal annullament — FAEGG, FAEG u FAEŻR — Infiq magħmul mir-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq — Infiq eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea — Awtorità reġjonali — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà”)

(2012/C 138/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development (Belfast, Ir-Renju Unit) (rappreżentanti: K. Brown, solicitor, u D. Wyatt, QC)